SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

30 ta' Ġunju 2011 *

Fil-Kawża C-485/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Ottubru 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Diċembru 2009, fil-proċedura

**Viamex Agrar Handels GmbH**

vs

**Hauptzollamt Hamburg-Jonas,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn A. Rosas, li qed jaġixxi bħala President tas-Sitt Awla, U. Lõhmus (Relatur) u P. Lindh, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' Novembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Viamex Agrar Handels GmbH, minn K. Landry, avukat,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Wilman u B. Schima, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 48(5) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628/KEE tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 1991, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/

KEE u 91/496/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 12 p. 133), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/29/KE, tad-29 ta' Ġunju 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 17 p. 466, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/628"), u tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 615/98, tat-18 ta' Marzu 1998, li jistabbilixxi regoli ddettaljati speċifiċi ta' applikazzjoni tas-sistema ta' ħlas lura fuq l-esportazzjoni fir-rigward tal-benesseri ta' annimali ħajjin tal-bhejjem ifrat matul it-trasport (ĠU L 82, p. 19).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Viamex Agrar Handels GmbH (iktar 'il quddiem "Viamex") u l-Hauptzollamt Hamburg-Jonas (iktar 'il quddiem il-"Hauptzollamt") fir-rigward ta' ħlas lura fuq l-esportazzjoni ta' annimali ħajjin tal-bhejjem tal-bhejjem tal-ifrat lejn l-Eġittu.

## Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 It-tieni paragrafu tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68, tas-27 ta' Ġunju 1968, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-laħam taċ-ċanga (ĠU L 148, p. 24), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2634/97, tat-18 ta' Diċembru 1997 (ĠU L 356, p. 13), jipprovdi li l-ħlas lura fuq l-esportazzjoni ta' annimali ħajjin huwa suġġett għall-osservanza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u, b'mod partikolari, il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport.

4 Ir-regoli ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 805/68, kif emendat bir-Regolament Nru 2634/97, ġew ippreċiżati permezz tar-Regolament Nru 615/98.

5 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 jipprovdi li l-ħlas lura fuq l-esportazzjoni ta' annimali ħajjin tal-bhejjem tal-ifrat huwa suġġett għall-osservanza, matul it-trasport tal-annimali sal-ewwel tħottija fl-Istat terz ta' destinazzjoni finali, għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE u għad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament.

6 Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98, il-ħlas lura fuq l-esportazzjoni ma jitwettaqx għall-annimali li jkunu mietu matul it-trasport jew għall-annimali li għalihom l-awtorità kompetenti tqis, fid-dawl tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu (2) tal-imsemmi Artikolu 5, tar-rapporti ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u/jew ta' kull element ieħor għad-dispożizzjoni tagħha dwar l-osservanza tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tal-imsemmi regolament, li d-Direttiva 91/628 ma kinitx ġiet osservata.

7 Id-disa' premessa tad-Direttiva 91/628 tipprevedi li "r-regoli proposti għandhom jassiguraw il-protezzjoni aktar effettiva ta' l-annimali matul it-trasport".

8 L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 91/628 jagħti d-definizzjonijiet li ġejjin:

"a) 'mezzi tat-trasport', dawk il-partijiet ta' vetturi tat-triq, vaguni tal-ferrovija, vapuri [u] ajruplani [u]żati għat-tagħbija u l-ġarr ta' l-annimali, kif ukoll kontenituri għat-trasport bl-art, bil-baħar jew bl-ajru;

b) 'trasport', kull ċaqlieq ta' annimali, effettwat permezz ta' trasport li jinvolvi t-tagħbija u l-ħatt ta' l-annimali;

[…]

g) ‘vjaġġ’ it-trasport mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni;

h) ‘perjodu ta’ mistrieħ’ perjodu kontinwu matul il-vjaġġ li matulu l-annimali mhumiex qegħdin jiġu mċaqalqa permezz ta’ mezz ta’ trasport;

[…]”

9 Il-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628, intitolat “Interval ta’ tisqija u ta’ tmigħ, il-ħinijiet tal-vjaġġ u l-perijodi ta’ mistrieħ”, jiddisponi fil-punt 48 tiegħu:

“1. Ir-rekwiżiti stabbiliti f’dan il-Kapitolu jgħoddu għall-movimenti tal-ispeċi ta’ annimali elenkati fl-Artikolu 1(1)(a), minbarra fil-każ ta’ trasport bl-ajru, li r-rekwiżiti tiegħu huma stabbiliti fil-Kapitolu I(E), punti 27 sa 29.

2. Il-ħinijiet tal-vjaġġ għall-annimali li jappartjenu għall-ispeċi li għalihom issir referenza fil-punt 1 m’għandhomx jeċċedu t-tmien sigħat.

3. Il-ħin ta’ vjaġġ massimu fil-punt 2 jista’ jiġi estiż meta l-vettura tat-trasport tissodisfa r-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin:

[…]

— il-vettura tat-trasport iġġorr għalf xieraq għall-ispeċi ta’ annimal trasportat u għall-ħin tal-vjaġġ,

[…]

4. L-intervalli ta' tmigħ u tat-tisqija, il-ħinijet tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ meta jintużaw l-vetturi tat-triq li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt 3 huma definiti kif ġej:

a) Għoġiela, ħrief, gidien u moħor […] u frieħ tal-ħanżir […];

b) Il-ħnieżer […];

(ċ) Solidungulates domestiċi […];

d) L-annimali l-oħra kollha ta' l-ispeċi li għalihom issir referenza fil-punt 1 iridu, wara 14-il siegħa ta' vjaġġ, jingħataw perijodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa li tkun biżżejjed għalihom b'mod partikolari sabiex jingħataw likwidu u jekk ikun meħtieġ għalf. Wara dan il-perijodu ta' mistrieħ, jistgħu jiġu trasportati għal 14-il siegħa oħra.

5. Wara l-ħin tal-vjaġġ stabbilit, l-annimali għandhom jinħattu, jiġu mitmugħa, mogħtija l-ilma u jibbenefikaw minn perijodu ta' mistrieħ minimu ta' 24 siegħa.

6. L-annimali m'għandhomx jiġu trasportati permezz ta' ferrovija jekk il-ħin tal-vjaġġ massimu jeċċedi dak stabbilit fil-punt 2. Madanakollu, il-ħinijiet tal-vjaġġ stabbiliti fil-punt 4 għandhom japplikaw meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 3 u 4, minbarra l-perjodu ta' mistrieħ, jintlaħqu.

7. (a) L-annimali m'għandhomx jiġu trasportati permezz tal-baħar jekk il-ħin tal-vjaġġ massimu jeċċedi dak stabbilit fil-punt 2, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 3 u 4, minbarra l-ħinijiet tal-vjaġġ u l-perijodu ta' mistrieħ, jintlaħqu.

b) Fil-każ ta' trasport bil-baħar b'rabta regolari u diretta bejn iż-żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali, dawn ta' l-aħħar iridu jingħataw mistrieħ għal 12-il siegħa wara li jinħattu fil-port ta' destinazzjoni jew fil-viċinanza immedjata tagħha sakemm il-ħin tal-vjaġġ bil-baħar huwa tali li l-vjaġġ jista' jiġi inkluż fl-iskema ġenerali tal-punti 2 sa 4.

8. Fl-interessi tal-annimali, il-ħinijiet tal-vjaġġ fil-punti 3, 4 u 7(b) jistgħu jiġu estiżi b'sagħtejn, waqt li jitqies b'mod partikolari kemm huwa fil-qrib il-post ta' destinazzjoni.

[…]"

*Id-dritt nazzjonali*

10 Ir-Regolament dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport (Tierschutztransp ortverordnung), tal-25 Frar 1997 (BGBl I, p. 348), li kien fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti inkwistjoni, kien jipprevedi, fl-Artikolu 24 tiegħu, għal dak li jikkonċerna l-limitazzjoni tat-trasport:

"1. Meta l-post tad-dispaċċ u tad-destinazzjoni jkunu jinsabu fit-territorju nazzjonali, it-tul ta' trasport ta' annimali domestiċi għall-qatla ma tistax taqbeż 8 sigħat. […]

2. Għall-ġarr ta' annimali domestiċi, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, it-trasportatur u l-kmandant tat-trasport għandhom, wara perijodu ta' mhux iktar minn tmien sigħat, jiżguraw ruħhom li l-annimali jinħattu u jingħataw x'jieklu u x'jixorbu matul perijodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa f'punt ta' waqfien awtorizzat mill-awtorità kompetenti […]

[…]

5. Il-paragrafi 2 u 3 moqrija flimkien mal-Anness 2 dwar il-ħatt u perjodi ta' mistrieħ ma japplikawx għat-trasport bil-ferroviji u bil-baħar tal-[annimali]."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

11 Fit-12 ta' Ottubru 2000, Viamex iddikjarat lill-Hauptzollamt ta' Itzehoe l-esportazzjoni ta' 20 annimali ħajjin tal-bhejjem tal-ifrat lejn l-Eġittu u talbet, fis-26 ta' Ottubru 2000, l-għoti ta' ħlas lura fuq l-esportazzjoni lill-Hauptzollamt Hamburg-Jonas (iktar 'il quddiem il-"Hauptzollamt"). Dawn l-annimali kienu ġew ittrasportati bil-ferrovija ta' Husum (il-Ġermanja) għal Rasa (il-Kroazja) qabel ma tgħabbew fuq bastiment.

12 Mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li, skont l-itinerarju ta' trasport, it-trasbord ta' annimali miżmuma f'Husum fit-12 ta' Ottubru tal-2000 seħħ bejn il-11.30 u s-18.00. Il-ferrovija telqet minn Husum għall-ħabta tat-20.10. Wara waqfa fit-13 ta' Ottubru 2000 f'Jesenice (is-Slovenja), li matulha l-annimali ngħataw l-ilma u ikel bejn id-21.00 u l-22.30, il-ferrovija waslet Rasa fl-14 ta' Ottubru 2000 għall-ħabta tal-5.30.

13 Permezz tad-deċiżjoni tad-9 ta' Awwissu 2005, il-Hauptzollamt, wara li ġie analizzat dan l-itinerarju, ċaħad it-talba għal ħlas lura fuq il-bażi li dan il-vjaġġ ħa 33 siegħa u 20 minuta u li kien għaldaqstant qabeż il-ħin tal-vjaġġ massimu ta' 28 siegħa previst mill-punt 48 tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628.

14 Fl-ilment tagħha kontra din id-deċiżjoni, Viamex sostniet b'mod partikolari li peress li t-tul tat-trasport bil-ferrovija huwa konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali, kien inġust li l-ħlas lura fuq l-esportazzjoni jiġi rrifjutat.

15 Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Mejju 2006, il-Hauptzollamt ċaħad l-ilment fuq il-bażi li, fil-kuntest tal-kontroll tat-trasport bil-ferrovija, il-Kummissjoni Ewropea sabet li t-tul medju tat-traġitt minn Husum sa Rasa kien ta' 36 siegħa u 35 minuta, filwaqt li, skont l-itinerarju tat-trasport tal-annimali mogħtija lill-awtoritajiet veterinarji mid-dipartiment tal-merkanzija tal-ferroviji Ġermaniż, it-tul tat-trasferiment inkwistjoni ammonta għal 34 siegħa u 41 minuta. Għaldaqstant deher li dan it-trasport mhux biss qabeż it-trasport massimu previst mid-Direttiva 91/628, iżda, barra minn hekk, li l-perijodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa mitlub minn din id-direttiva, jekk il-ħin tal-vjaġġ massimu jkun intlaħaq, ma kienx ġie osservat.

16 Fl-appell tagħha ppreżentat fis-26 ta' Ġunju 2006, Viamex enfasizzat għal darb'oħra li, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 91/628 fl-ordinament ġuridiku Ġermaniż, id-dispożizzjonijiet dwar ħin ta' mistrieħ u t-tul ta' ġarr ma humiex applikabbli għat-trasport bil-ferrovija.

17 Skont il-Finanzgericht Hamburg, is-soluzzjoni tal-kawża prinċipali tiddependi fuq jekk Viamex kisritx ir-regoli stabbiliti fil-punt 48(5) tal-Kapitolu VII tal-Anness

tad-Direttiva 91/628, li tipprevedi li, wara t-tul tal-vjaġġ stabbilit, l-annimali jridu jinħattu, jingħataw x'jieklu u x'jixorbu u jibbenefikaw minn perijodu ta' mistrieħ minimu ta' 24 siegħa. Din il-qorti tistaqsi lilha nnifisha jekk huwiex possibbli li tiġi dedotta l-pożizzjoni sistematika ta' din id-dispożizzjoni hija applikabbli biss għat-trasport bit-triq.

18 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk, f'każijiet bħal dak tal-kawża prinċipali, hijiex obbligata tistħarreġ jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti tkunx applikat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98 b'mod konsistenti mal-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan ir-rigward, hija tal-fehma li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ċertu ksur, b'mod partikolari dak li ma jikkawżax il-mewt tal-annimali, ma jwassalx awtomatikament għall-telf tad-dritt tal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni, b'tali mod li l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi fuq iż-żamma, it-tnaqqis jew ir-rifjut ta' tali ħlas lura fir-rigward tal-imsemmi prinċipju.

19 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Finanzgericht Hamburg iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domandi preliminari:

"1) Il-paragrafu 5 tal-punt 48 tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, [...] japplika għat-trasport bil-ferrovija?

2) F'każijiet fejn il-ksur tad-Direttiva 91/628/KEE ma jkunx wassal għall-mewt tal-annimali, il-qorti għandha l-obbligu ġenerali li teżamina jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 615/98, tat-18 ta' Marzu 1998, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet [ħlas lura] fuq l-esportazzjoni fir-rigward tal-welfare [benesseri] tal-annimali tal-bhejjem tal-ifrat ħajjin matul it-trasport, aġixxietx b'mod konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità?"

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq l-ewwel domanda*

20 Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-paragrafu 5 tal-punt 48 tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE huwiex applikabbli għat-trasport bil-ferrovija.

21 Viamex tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni sistematika tal-imsemmi kapitolu sabiex tikkunsidra li l-paragrafu 5 tal-punt 48 tiegħu ma għandux ikun applikabbli għal dan it-tip ta' trasport. Hija ssostni, skont dan il-metodu ta' interpretazzjoni, li huwa applikabbli, fil-paragrafi 2 sa 5, għat-trasport bit-trakkijiet, fil-punti 6 u 7, rispettivament, għat-trasport bil-ferrovija u bil-baħar, u, fil-paragrafi 8 u 9, għall-mezzi kollha ta' trasport.

22 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-paragrafu 5 tal-punt 48 tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628 jipprovdi fi kliem ġenerali li, wara t-tul tal-vjaġġ stabbilit, l-annimali għandhom jinħattu, jingħataw x'jieklu, x'jixorbu u jibbenefikaw minn perijodu ta' mistrieħ minimu ta' 24 siegħa.

23 Xejn f'dan il-paragrafu 5 jew fi kwalunkwe dispożizzjoni oħra tad-Direttiva 91/628 ma jħalli x'jinftiehem li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-paragrafu għat-trasport bit-triq biss.

24 Fil-fatt, mill-formulazjoni tal-varji paragrafi tal-punt 48 tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628 jirriżulta li dawk li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom hija limitata għal mezz ta' trasport konkret fihom preċiżazzjoni espressa f'dan ir-rigward. B'hekk, mill-formulazzjoni tal-paragrafi 4, 6 u 7 tal-punt 48 jirriżulta li dawn huma applikabbli rispettivament għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u bil-baħar. Peress li l-paragrafu 5 ta' dan il-punt ma għandux din it-tip ta' preċiżazzjoni, għandu jitqies li jkopri l-mezzi ta' trasport kollha.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi għandu jitqies li l-paragrafu 5 tal-punt 48 tal-Kapitolu VII tal-Anness tal-imsemmija direttiva huwa applikabbli wkoll għat-trasport bil-ferrovija.

26 Minn naħa, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-istruttura tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628. Fil-fatt, mid-definizzjonijiet mogħtija lill-kunċetti ta' "trasport" u "perjodu ta' mistrieħ" fl-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva jirriżulta li l-perijodi li jinsabu bejn meta jitgħabbew l-annimali fuq mezz ta' trasport u l-ħatt tagħhom jidħlu t-tnejn li huma neċessarjament kemm taħt it-trasport kif ukoll taħt il-mistrieħ. Issa, sa fejn huwa paċifiku li r-regoli li jirrigwardaw it-tul massimu tal-vjaġġ, fil-paragrafi 2 u 3 tal-punt 48 tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628, huma applikabbli b'mod partikolari għat-trasport bil-ferrovija, għandu jiġi kkunsidrat li r-regoli dwar it-tul ta' mistrieħ wara l-ħin tat-trasport huma wkoll applikabbli għal dan mezz ta' trasport.

27 Min-naħa l-oħra, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għan tad-Direttiva 91/628 li huwa, skont id-disa' premessa tagħha, li tiġi żgurata protezzjoni iktar effettiva tal-annimali matul it-trasport.

28 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tingħata risposta għall-ewwel domanda li l-paragrafu 5 tal-punt 48 tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE huwa applikabbli, b'mod partikolari, għat-trasport bil-ferrovija.

*Fuq it-tieni domanda*

29 Bit-tieni domanda tagħha, il-qorti nazzjonali essenzjalment tistaqsi jekk, fl-ipoteżi li l-ksur tad-Direttiva 91/628/KEE ma jkunx wassal għall-mewt tal-annimali ttrasportati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, u l-qrati tagħhom, għandhomx, fl-eżerċizzju tal-istħarriġ tagħhom, l-obbligu li japplikaw l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98 skont il-prinċipju ta' proporzjonalità.

30 Preliminarjament għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 38 tas-sentenza tas-17 ta' Jannar 2008, Viamex Agrar Handel (C-37/06 u C-58/06, Ġabra, p. I-69) fil-kuntest ta' kawża bejn l-istess partijiet, li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu fuq l-ammont ta' ħlas lura fuq l-esportazzjoni biss skont żewġ każijiet distinti sew previsti fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98. Fl-ewwel każ, meta l-mewt tal-annimali huwa attribwibbli għan-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628, il-leġiżlatur Komunitarju ma jagħti ebda marġni diskrezzjonali lill-awtorità kompetenti peress li jipprovdi espressament li l-ħlas lura ma jingħatax. Minn naħa l-oħra, fit-tieni każ, meta din l-awtorità tqis li d-Direttiva 91/628 ma ġietx osservata mingħajr, madankollu, li dan in-nuqqas ta' osservanza ma wassal għall-mewt tal-annimali, il-leġiżlatur Komunitarju jattribwixxi ċertu marġni diskrezzjonali lill-awtorità kompetenti sabiex tiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjoni ta' din id-direttiva tistax twassal għat-telf, it-tnaqqis jew iż-żamma tal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni.

31 Fir-rigward tat-tieni każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li hija l-awtorità kompetenti li għandha tevalwa jekk in-nuqqas ta' osservanza tad-Direttiva 91/628 kellux effett fuq il-benesseri tal-annimali, (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 2008, Viamex Agrar Handel u ZVK, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44, kif ukoll tat-13 ta' Marzu 2008, Viamex Agrar Handel, C-96/06, Ġabra. p. I-1413, punt 51).

32 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li n-nuqqas ta' osservanza tad-Direttiva 91/628, li jista' jwassal għal tnaqqis jew telf tal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni, jirrigwarda biss id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva li għandhom effett fuq il-benesseri tal-annimali, jiġifieri fuq l-istat fiżiku u/jew is-saħħa tagħhom, u mhux dawk l-imsemmija dispożizzjonijiet li ma għandhomx, bħala prinċipju, tali effett (sentenza Viamex Agrar Handel u ZVK, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42).

33 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija l-awtorità kompetenti li għandha tevalwa jekk in-nuqqas ta' osservanza tad-Direttiva 91/628 jistax jiġi rrettifikat u jekk dan għandux iwassal għat-telf, it-tnaqqis jew iż-żamma tal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni. Hija wkoll kompetenza ta' din l-istess awtorità li tiddeċiedi jekk għandux isir tnaqqis *pro rata* tal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni tan-numru ta' annimali li, fil-fehma tagħha, setgħu sofrew minħabba n-nuqqas ta' osservanza tad-Direttiva 91/628, jew jekk dan il-ħlas lura ma jitħallasx sa fejn in-nuqqas ta' osservanza kellu inevitabbilment effetti fuq il-benesseri tal-annimali kollha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Viamex Agrar Handel u ZVK, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44, kif ukoll Viamex Agrar Handel, iċċitata iktar 'il fuq, punt 51).

34 Viamex tqis li mill-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq jirriżulta li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità għandu bħala effett li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-qrati tagħhom għandhom jimplementaw sistema differenzjata ta' sanzjonijiet li biha l-għoti tal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni tkun tiddependi min-nuqqas ta' ħsara reali għall-benesseri tal-annimali matul it-trasport.

35 Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat.

36 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 47 tas-sentenza Viamex Agrar Handel, iċċitata iktar 'il fuq, li mill-formulazzjoni użata fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98 jirriżulta b'mod ċar li l-leġiżlatur Komunitarju ried jissuġġetta l-ħlas lura fuq l-esportazzjoni għall-osservanza tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628, indipendentement minn kull konstatazzjoni ta' preġudizzju konkret li sofrew l-annimali matul it-trasport tagħhom.

37 F'dan is-sens, il-benesseri ta' dawn l-annimali jista' jitqiegħed f'periklu u ma jistax jibqa' jiġi ggarantit meta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628 li jirrigwardaw is-saħħa tal-annimali ma jibqgħux jiġu osservati. Bl-istess mod, fil-prattika, mhux dejjem huwa possibbli, għall-awtorità kompetenti, li tikkonstata li l-annimali jkunu sofrew b'mod konkret jew li jkunu weġġgħu minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-imsemmija dispożizjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Viamex Agrar Handel, iċċitata iktar 'il fuq, punti 48 u 49).

38 Mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 32 u 33, kif ukoll 36 u 37 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-eżami tal-awtorità kompetenti għandu, fl-ewwel lok, ikopri l-kwistjoni ta' jekk dispożizzjoni tad-Direttiva 91/628 li ma tkunx ġiet osservata tikkonċernax il-benesseri tal-annimali. Jekk dan huwa l-każ, huwa meħtieġ, fit-tieni lok, li jiġi ddeterminat jekk tali nuqqas ta' osservanza jikkonċernax il-benesseri tal-annimali kollha ttrasportati jew biss numru limitat ta' dawk li għalihom ikun intalab il-ħlas lura fuq l-esportazzjoni. Fit-tielet lok, l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina jekk in-nuqqas ta' osservanza tistax tiġi rrettifikata. Huwa abbażi ta' dawn l-elementi li l-imsemmija awtorità għandha tiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjoni tad-Direttiva 91/628 għandux iwassal għat-telf, it-tnaqqis jew iż-żamma tal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni.

39 Fil-każ li l-awtorità tasal għall-konstatazzjoni li l-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628 jikkonċerna l-benesseri tal-annimali kollha li jkunu qed jiġu ttrasportati, hija għandha tirrifjuta l-ħlas lura fuq l-esportazzjoni, mingħajr ma jiġi speċifikament ipprovat li l-annimali sofrew ħsara konkreta matul it-trasport.

40 Minn naħa l-oħra, jekk il-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628 jikkonċerna biss parti minn dawn l-annimali, hija l-awtorità kompetenti li għandha tiddeċiedi jekk għandux isir tnaqqis *pro rata* tal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni għan-numru ta' annimali li sofrew minħabba dan il-ksur. Fi kwalunkwe każ, dan il-ħlas lura għandu jingħata fir-rigward ta' annimali li għalihom id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628 ma jkunux ġew osservati.

41 Għandha, għalhekk, tingħata risposta għat-tieni domanda fis-sens li, fil-każ li l-ksur tad-Direttiva 91/628 ma jkunx irriżulta fil-mewt ta' annimali li jiġu ttrasportati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-qrati tagħhom, fl-eżerċizzju tal-istħarriġ tagħhom, għandhom l-obbligu li japplikaw l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98 skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, billi jirrifjutaw il-ħlas lura fuq l-esportazzjoni ta' annimali li għalihom id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva dwar il-benesseri tagħhom ma jkunux ġew osservati.

## Fuq l-ispejjeż

42 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-paragrafu 5 tal-punt 48, tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628/KEE tad-19 Novembru 1991, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/29/KE, tad-29 ta' Ġunju 1995, huwa applikabbli, b'mod partikolari, għat-trasport bil-ferrovija.**

2) **Fil-każ li l-ksur tad-Direttiva 91/628 ma jkunx irriżulta fil-mewt ta' annimali li jiġu ttrasportati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-qrati tagħhom, fl-eżerċizzju tal-istħarriġ tagħhom, għandhom l-obbligu li japplikaw l-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 615/98**

**tat-18 ta' Marzu 1998, li jistabbilixxi regoli ddettaljati speċifiċi ta' applikazzjoni tas-sistema tal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni fir-rigward tal-benesseri ta' annimali tal-bhejjem tal-ifrat ħajjin matul it-trasport, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, billi jirrifjutaw il-ħlas lura fuq l-esportazzjoni ta' annimali li għalihom id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva dwar il-benesseri tagħhom ma jkunux ġew osservati.**

Firem